28 ta' Gunju, 1948.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Joseph Gasan *versus* Farmaċista Nicola Spiteri

**"Litis Pendentia" — Ċitazzjoni — Notifika — Dikjarazzjonijiet — Elevazzjoni — Mandat Kawtelatorju — Solvibilità ta' l-Eżekutat — Penali.**

*Quddiem il-Qorti ma jistax ikun hemm żewġ kawżi fuq l-istess ħaġa; u meta dan jissuċċiedi, tieħu preċedenza l-kawża li ġiet preżentata l-ewwel, avvolja ċ-ċitazzjoni tagħha tkun ġiet notifikata wara li l-parti l-oħra tkun ippreżentat il-kawża l-oħra.*

*Id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu meħtieġa biex l-attur jasal għal xi waħda mid-domanda tiegħu ma hemmx bżonn li jsiru fiċ-ċitazzjoni taħt forma ta 'domandi; iżda huwa biżżejjed illi ssir talba biex tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni meħtieġa, skond il-pratika kostanti tal-Qrati tagħna.*

*Meta wieħed jottjeni mandat kawtelatorju kontra persuna notorjament solvibili, mhux biex jikkawtela xi kreditu minnu pretiż kontra dik il-persuna, imma biex jimpedixxi li dik il-persuna tittrasferixxi xi oġġett determinat li huwa jippretendi drittijiet fuqu, l-otteniment tal-mandat huwa ġustifikat, avvolja l-eżekutat huwa*

*solvibili; u għalkekk min ottjena dak il-mandat mhux passibili għal penali.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ fejn ippremetta illi l-konvenut ippretenda li l-attur begħelu l-karrozza "Mercury Sedan" li huwa qabad mill-poter ta' l-attur b'mandat tal-qbid tal-1 ta' Marzu 1947, li l-attur biegħ lil Carmelo Mallia bil-prezz ta' £650 (*dok. A*); u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, (1) jiġi dikjarat li l-attur ma bieghx *lill-konvenut* il-karrozza fuq imsemmija, u jekk hemm bżonn (2) jiġi dikjarat li l-attur ma kkonkluda ebda bejgħ mal-konvenut ta' karrozza "Ford Mercury Sedan", (3) jiġi revokat il-mandat tal-qbid maħruġ kontra l-attur fuq talba tal-konvenut fl-1 ta' Marzu 1947, (4) u l-mandat jiġi dikjarat mitlub vessatorjament u kundannat il-konvenut għall-ħlas ta' penali li tiġi fissata favur l-attur skond il-liġi. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju u tal-mandat tal-qbid tal-konvenut ta' l-1 ta' Marzu 1947;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija tal-15 ta' Lulju, 1947, fejn ċaħdet l-ewwel *eċċezzjoni ta' l-inkompetenza* bl-ispejjeż kontra l-konvenut, laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-"litis pendentia" fuq l-ewwel u t-tieni *talba*, u *lliberat* lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju rigward tagħhom, u ddikjarat li kontra l-ewwel u t-tieni talba kienet tosta l-"litis pendentia", u li fi kwalunkwe każ il-meritu tagħha jinsab eżawrit bis-sentenza fuq imsemmija tal-11 ta' Marzu 1947, u ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari rigward ir-raba' talba bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u ċaħdet it-tielet u l-aħħar talba, bl-ispejjeż mhux ġà maqtugħa xort'oħra kontra l-attur; wara li kkunsidrat;

Illi fuq it-tieni eċċezzjoni, l-ewwel żewġ talbiet setgħu liberament jiġu nkorporati f'waħda; u in kwalunkwe każ kienu jiffurmaw meritu tal-kawża li l-konvenut kien għamel kontra l-attur preżenti biċ-ċitazzjoni nru. 101; u għalkemm in-notifika ta' dik iċ-ċitazzjoni kienet għadha ma saretx, għax saret l-għada li ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni tal-kawża preżenti, jibqgħem il-"jus preventionis", u l-attur kellu bilfors jisie

na li ssir dik il-kawża la darba kien irċieva l-mandat fl-1 ta' Marzu, jiġifieri disat ijiem qabel, u kieku stess il-kawża ma saretx, l-effett tal-mandat "ipso facto" kien jaqa';

*Kwantu mbgħad għat-tielet talba, dina kienet ġà ntalbet* fil-kawża li fl-4 ta' Marzu għamel Carmelo Mallia kontra ż-żewġ partijiet ta' dil-kawża, u allura l-attur kien ġà rċieva notifika *(fol. 5)*, tant li dik il-kawża ġiet maqtugħa fil-11 ta' dan ix-xahar b'sentenza li rrevokat il-mandat għal raġunijiet li ssemmew f'dik is-sentenza, fejn il-Qorti rriżervat id-dritt tar-regress ta' l-ispejjeż favur il-konvenut Spiteri kontra l-attur preżenti; illi għalhekk il-meritu tat-tielet talba jinsab eżawrit, barra milli t-talba kienet prevenuta minħabba l-"litis pendentia", kif kien hemm ukoll il-"litis pendentia" rigward l-ewwel u t-tieni talba. In-nuqqas ta' notifika taċ-ċitazzjoni fil-kawża li għamel l-Ispiżjar seta' biss jinfluwixxi fuq il-kap ta' l-ispejjeż, iżda ċ-ċirkustanzi rilevati aktar 'il fuq, kif ukoll ir-riżultanzi tal-kawża ċitazzjoni numru 101 ta' l-1947 maqtugħa l-lum, ma jiġġustifikawx temperament ta' l-ispejjeż favur l-attur;

Illi bis-sentenza li ġiet mogħtija l-lum fil-kawża ċitazzjoni nru. 101 ta' l-1947, bejn *l-istess partijiet bil-maqlub*, ġiet deċiża l-kundanna ta' l-attur preżenti għall-konsenja ta' waħda mill-karrozzi "Mercury", u fin-nuqqas tal-konsenja huwa ġie *dikjarat responsabili għad-danni*; u għalhekk ma hemmx lok li fuq il-mandat li talab il-konvenut kontra l-attur preżenti tiġi dikjarata l-vessatorjetà tal-mandat u l-kundanna tal-konvenut għall-penali. Iżda għalkemm il-penali setgħet intalbet fil-kawża l-oħra, fil-fatt ma ntalbetx, u "litis pendentia" fuqha ma hemmx; għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenut rigward tagħha hija nfondata;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu, fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata fil-kapi kollha barra dawk li fihom ġew miċħuda ż-żewġ eċċezzjonijiet ta' l-inkompetenza u tal-"litis pendentia" fuq il-penali, u li t-talbiet ikunu milqugħa; *bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra* l-konvenut;

*Omissis*;

Tikkunsidra;

Illi l-gravam ta' l-appellant huwa illi ċ-ċitazzjoni ġiet preżentata fl-10 ta' Marzu 1947, u dik tal-konvenut kontra l-attur ġiet notifikata wara l-10 ta' Marzu, u għalhekk ma hemmx lok għall-eċċezzjoni tal-"litis pendentia" fuq l-ewwel żewġ talbiet. Veru huwa illi ċ-ċitazzjoni preżenti ġiet preżentata fl-10 ta' Marzu, u li l-oħra tal-konvenut kontra l-attur ġiet preżentata fis-7 ta 'Marzu u notifikata fil-11 ta' Marzu, imma ma jistax ikun hemm quddiem il-Qorti bejn l-istess partijiet żewġ talbiet fuq l-istess ħaġa; u dik li ġiet preżentata qabel—fil-każ preżenti dik tal-konvenut, preżentata fis-7 ta' Marzu—għandha neċessarjament tirbaħ. Imbagħad dik iċ-ċitazzjoni tal-konvenut ġiet preċeduta b'ittra uffiċjali tal-1 ta' Marzu, u b'mandat ta' elevazzjoni tal-1 ta' Marzu wkoll, u peress dak il-mandat kien kawtelatorju, kien neċessarju li warajh tiġi t-talba; għalhekk minn dan l-attur kien edott tajjeb, u għalhekk ma kellux għalfejn jagħmel dawk it-talbiet;

Tikkunsidra;

Illi l-appellant issottometta wkoll illi huwa kellu jagħmel u jitlob dawk id-dikjarazzjonijiet biex jasal għat-tielet u r-raba' talba; iżda apparti l-fatt illi huwa kien jaf, u ma setax ma kienx jaf, illi fil-kawża li l-konvenut kellu bil-fors jagħmel kien ikun hemm dik it-talba, it-talba għal kull dikjarazzjoni meħtieġa biex il-Qorti tasal għad-deċiżjoni tat-tielet u r-raba' talba kienet tkun biżżejjed skond il-pratika kostanti ta' dawn il-Qrati;

Tikkunsidra;

Illi gravam ieħor ta' l-appellant huwa fuq it-tielet u r-raba' talba, għax issottometta illi l-mandat ta' l-elevazzjoni qatt ma jmissu sar kontra l-appellant, u speċjalment fil-post u garage tal-B.M.C., fejn jista' jġiblu ħafna ħsara. Kieku dak il-mandat kien għall-kawtela ta' xi kreditu illi l-konvenut kien jippretendi kontra l-attur, allura l-gravam kien ikun fondat; għaliex l-attur huwa persuna biżżejjed rispettabili u ta' forzi finanzjarji kbar, u għalhekk mandat simili kien ikun vessatorju. Iżda fil-każ preżenti l-mandat kien intiż biex il-konvenut jimpedixxi t-tradizzjoni tal-karrozza, li ġiet elevata, favur Car-

melo Mallia jew kwalunkwe xerrej eventwali tagħha; għaliex dik it-tradizzjoni kienet tista' ġġib ħsara kbira *lill-konvenut* appellat; u għalhekk dan kellu interess kbir illi dik il-karrozza tibqa' *hemm* fil-garage *mingħajr ħadd ma jmissha*; u għalhekk, u taħt dan l-aspett, il-mandat kien ġustifikat; u t-talbiet għall-penali ma humiex bażati; u salv li *ngħad* fil-kawża l-oħra "Mallia vs. Spiteri", fil-kawża "Spiteri vs. Gasan" ġie deċiż illi l-attur għandu jagħti *lill-konvenut* karrozza "Mercury", u din il-Qorti kkonfermat dik is-sentenza l-lum stess;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti safejn kompatibili;

Tirrespinġi l-appell ta' l-attur u għalhekk tikkonferma dik is-sentenza; bl-ispejjeż relativi kontra l-attur appellant.